DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/856

tal-25 ta' Mejju 2021

li tiddetermina d-data minn meta l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew jassumi l-kompiti ta' investigazzjoni u ta' prosekuzzjoni tiegħu

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") ([1]), u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 120(2) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 120(2) tar-Regolament (UE) 2017/1939, l-UPPE għandu jassumi l-kompiti ta' investigazzjoni u ta' prosekuzzjoni mogħtija lilu b'dak ir-Regolament f'data li għandha tiġi determinata b'deċiżjoni tal-Kummissjoni fuq proposta tal-Kap Prosekutur Ewropew ladarba jiġi stabbilit l-UPPE.

(2) Fis-7 ta' April 2021, il-Kap Prosekutur Ewropew ippropona lill-Kummissjoni li jenħtieġ li l-UPPE jassumi l-kompiti ta' investigazzjoni u ta' prosekuzzjoni tiegħu fl-1 ta' Ġunju 2021.

(3) L-UPPE huwa korp indiviżibbli tal-Unjoni li jopera bħala Uffiċċju uniku bi struttura deċentralizzata. Il-livell ċentrali jikkonsisti mill-Kulleġġ, l-Awli Permanenti, il-Kap Prosekutur Ewropew, il-Viċi Kapijiet Prosekuturi Ewropej, il-Prosekuturi Ewropej u d-Direttur Amministrattiv. Il-Kap Prosekutur Ewropew, il-Prosekuturi Ewropej, il-Viċi Kapijiet Prosekuturi Ewropej, u d-Direttur Amministrattiv tal-UPPE nħatru b'deċiżjonijiet adottati, rispettivament, fit-23 ta' Ottubru 2019 ([2]), fis-27 ta' Lulju 2020 ([3]), fil-11 ta' Novembru 2020 ([4]), u fl-20 ta' Jannar 2021 ([5]). Il-Kulleġġ ġie kkostitwit fit-28 ta' Settembru 2020. F'konformità mal-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) 2017/1939, il-Kulleġġ adotta r-regoli ta' proċedura interni tal-UPPE fit-12 ta' Ottubru 2020. Il-Kulleġġ adotta, skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) 2017/1939, ir-regoli dwar l-Awli Permanenti fil-25 ta' Novembru 2020. Il-persunal tal-UPPE kif definit fl-Artikolu 2(4) tar-Regolament (UE) 2017/1939 qiegħed hemm.

(4) Il-livell deċentralizzat tal-UPPE jikkonsisti fil-Prosekuturi Delegati Ewropej li jinsabu fl-Istati Membri li jipparteċipaw fil-kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-UPPE ("Stati Membri"). Fid-29 ta' Settembru 2020, il-Kulleġġ adotta r-regoli dwar ir-regoli tal-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-Prosekuturi Delegati Ewropej skont l-Artikolu 114(c) tar-Regolament (UE) 2017/1939. Jenħtieġ li jinħatru tal-inqas żewġ Prosekuturi Delegati Ewropej għal kull Stat Membru qabel l-1 ta' Ġunju 2021. Fid-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, l-UPPE kien diġà ħatar tal-inqas żewġ

([1]) ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1.
([2]) ĠU L 274 28.10.2019, p. 1.
([3]) ĠU L 244, 29.7.2020, p. 18.
([4]) Id-Deċiżjonijiet 010/2020 u 011/2020 tal-Kulleġġ tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew tal-11 ta' Novembru 2020.
([5]) Id-Deċiżjoni 003/2021 tal-Kulleġġ tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew tal-20 ta' Jannar 2021.

Prosekuturi Delegati Ewropej għal kull Stat Membru, bl-eċċezzjoni tal-Finlandja u s-Slovenja ([6]). Il-perjodu raġonevoli għall-Istati Membri biex jinnominaw il-kandidati tagħhom għall-kariga ta' Prosekutur Delegat Ewropew diġà skada. Jenħtieġ li din is-sitwazzjoni ma tipprevjenix il-bidu effettiv tal-operazzjonijiet tal-UPPE, b'kont meħud tal-possibbiltà li l-Prosekutur Ewropew tal-Istati Membri kkonċernati jwettaq l-investigazzjoni personalment f'dawk l-Istati Membri, bis-setgħat, ir-responsabbiltajiet u l-obbligi kollha ta' Prosekutur Delegat Ewropew, f'konformità mal-Artikolu 28(4) tar-Regolament (UE) 2017/1939.

(5) L-UPPE ngħata baġit awtonomu f'konformità mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali għas-snin 2021 sal-2027 ([7]) li jiggarantixxi l-awtonomija u l-indipendenza sħaħ tiegħu.

(6) F'konformità mal-Artikolu 44(1) tar-Regolament (UE) 2017/1939, is-Sistema ta' Ġestjoni tal-Każijiet tal-UPPE hija stabbilita u tiffunzjona f'livelli ċentrali u deċentralizzati. L-Anness ta' dak ir-Regolament, introdott mir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/2153 ([8]), jelenka l-kategoriji ta' *data* personali operazzjonali u l-kategoriji ta' suġġetti tad-*data* li d-*data* personali operazzjonali tagħhom tista' tiġi pproċessata fl-indiċi tal-fajls tal-każijiet mill-UPPE.

(7) F'konformità mal-Artikolu 78(5) tar-Regolament (UE) 2017/1939, il-Kulleġġ adotta r-regoli li jikkonċernaw l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* tal-UPPE fil-21 ta' Ottubru 2020. Il-Kulleġġ adotta r-regoli li jikkonċernaw l-ipproċessar ta' *data* personali mill-UPPE fit-28 ta' Ottubru 2020. F'konformità mal-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]), il-Kulleġġ adotta r-regoli interni dwar ir-restrizzjonijiet ta' ċerti drittijiet tas-suġġett tad-*data* fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali amministrattiva fil-qafas tal-attivitajiet imwettqa mill-UPPE fil-21 ta' Ottubru 2020.

(8) F'konformità mal-Artikolu 95 tar-Regolament (UE) 2017/1939, il-Kulleġġ adotta r-regoli finanzjarji applikabbli għall-UPPE fit-13 ta' Jannar 2021.

([6]) Id-Deċiżjonijiet tal-Kulleġġ tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew: 19/2020 tal-25 ta' Novembru 2020 (ħatra ta' għaxar Prosekuturi Delegati Ewropej fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja); 020/2020 tal-25 ta' Novembru 2020 (ħatra ta' erba' Prosekuturi Delegati Ewropej fir-Repubblika Slovakka); 021/2020 tat-2 ta' Diċembru 2020 (ħatra ta' żewġ Prosekuturi Delegati Ewropej fir-Repubblika tal-Estonja); 22/2020 tat-2 ta' Diċembru 2020 (ħatra ta' Prosekutur Delegat Ewropew wieħed fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja); 024/2020 tad-9 ta' Diċembru 2020 (ħatra ta' Prosekutur Delegat Ewropew fir-Repubblika Slovakka); 007/2021 tat-3 ta' Frar 2021 (ħatra ta' tliet Prosekuturi Delegati Ewropej fir-Repubblika tal-Litwanja); 008/2021 tal-5 ta' Frar 2021 (ħatra ta' tliet Prosekuturi Delegati Ewropej fir-Repubblika Ċeka); 009/2021 tal-10 ta' Frar 2021 (ħatra ta' sitt Prosekuturi Delegati Ewropej fir-Rumanija); 010/2021 tal-10 ta' Frar 2021 (ħatra ta' żewġ Prosekuturi Delegati Ewropej fir-Renju tan-Netherlands); 016/2021 tas-17 ta' Marzu 2021 (ħatra ta' Prosekutur Delegat Ewropew wieħed fir-Renju tal-Belġju); 022/2021 tas-7 ta' April 2021 (ħatra ta' tliet Prosekuturi Delegati Ewropej fir-Renju tal-Bulgarija); 024/2021 tas-7 ta' April 2021 (ħatra ta' żewġ Prosekuturi Delegati Ewropej fir-Repubblika tal-Kroazja); 025/2021 tas-7 ta' April 2021 (ħatra ta' żewġ Prosekuturi Delegati Ewropej fir-Repubblika Ċeka); 026/2021 tal-21 ta' April 2021 (ħatra ta' erba' Prosekuturi Delegati Ewropej fir-Repubblika Franċiża); 027/2021 tal-21 ta' April 2021 (ħatra ta' erba' Prosekuturi Delegati Ewropej fir-Repubblika tal-Latvja); 031/2021 tat-28 ta' April 2021 (ħatra ta' seba' Prosekuturi Delegati Ewropej fir-Renju ta' Spanja); 032/2021 tat-28 ta' April 2021 (ħatra ta' Prosekutur Delegat Ewropew wieħed fir-Repubblika ta' Malta); 034/2021 tat-3 ta' Mejju 2021 (ħatra ta' ħmistax-il Prosekutur Delegat Ewropew fir-Repubblika Taljana); 035/2021 tat-3 ta' Mejju 2021 (ħatra ta' erba' Prosekuturi Delegati Ewropej fir-Repubblika Portugiża); 037/2021 tas-6 ta' Mejju 2021 (ħatra ta' Prosekutur Delegat Ewropew wieħed fir-Repubblika tal-Bulgarija); 041/2021 tat-12 ta' Mejju 2021 (ħatra ta' Prosekutur Delegat Ewropew wieħed fir-Repubblika ta' Malta); 045/2021 tas-17 ta' Mejju 2021 (ħatra ta' Prosekutur Delegat Ewropew wieħed fir-Renju tal-Belġju); 046/2021 tas-17 ta' Mejju 2021 (ħatra ta' żewġ Prosekuturi Delegati Ewropej fir-Repubblika tal-Awstrija); 047/2021 tas-17 ta' Mejju 2021 (ħatra ta' ħames Prosekuturi Delegati Ewropej fir-Repubblika Ellenika); 048/2021 tad-19 ta' Mejju 2021 (ħatra ta' żewġ Prosekuturi Delegati Ewropej fir-Repubblika ta' Ċipru); 059/2021 tad-19 ta' Mejju 2021 (ħatra ta' żewġ Prosekuturi Delegati Ewropej fil-Gran Dukat tal-Lussemburgu).

([7]) ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 11.

([8]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/2153 tas-14 ta' Ottubru 2020 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 fir-rigward tal-kategoriji ta' *data* personali operazzjonali u l-kategoriji ta' suġġetti tad-*data* li d-*data* personali operazzjonali tagħhom tista' tiġi pproċessata fl-indiċi tal-fajls tal-każijiet mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (ĠU L 431, 21.12.2020, p. 1).

([9]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

(9) F'konformità mal-Artikolu 106(2) tar-Regolament (UE) 2017/1939, l-UPPE u l-Gran Dukat tal-Lussemburgu kkonkludew Ftehim dwar il-Kwartieri Ġenerali fis-27 ta' Novembru 2020. Il-bini tal-Uffiċċju Ċentrali fil-Lussemburgu qiegħed għad-dispożizzjoni tal-UPPE.

(10) F'konformità mal-Artikolu 107(2) tar-Regolament (UE) 2017/1939, il-Kulleġġ adotta l-arranġamenti lingwistiċi interni tal-UPPE fit-30 ta' Settembru 2020.

(11) F'konformità mal-Artikolu 109(2) tar-Regolament (UE) 2017/1939, il-Kulleġġ adotta r-regoli dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-UPPE fil-21 ta' Ottubru 2020.

(12) L-Istati Membri kollha nnotifikaw lill-Kummissjoni bl-adozzjoni tal-miżuri għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([10]) u ġeneralment daħħlu fis-seħħ miżuri xierqa oħrajn biex jiżguraw li l-UPPE jkun jista' jibda l-ħidma operazzjonali tiegħu.

(13) Billi l-kundizzjonijiet stabbiliti fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 120(2) tar-Regolament (UE) 2017/1939 huma b'hekk issodisfati, l-UPPE huwa stabbilit u lest jassumi l-kompiti ta' investigazzjoni u ta' prosekuzzjoni tiegħu. Huwa għalhekk meħtieġ li tiġi ddeterminata d-data ta' meta l-UPPE jeħtieġlu jassumi dawk il-kompiti.

(14) F'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 120(2) tar-Regolament (UE) 2017/1939, jenħtieġ li dik id-data ma tkunx qabel tliet snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dak ir-Regolament. Billi r-Regolament (UE) 2017/1939 daħal fis-seħħ fl-20 ta' Novembru 2017, jenħtieġ li dik id-data ma tkunx qabel l-20 ta' Novembru 2020.

(15) F'konformità mal-ewwel u r-raba' subparagrafi tal-Artikolu 120(2) tar-Regolament (UE) 2017/1939, l-UPPE jeħtieġlu jeżerċita l-kompetenza tiegħu fir-rigward ta' kwalunkwe reat li jaqa' taħt il-kompetenza tiegħu mwettaq wara l-20 ta' Novembru 2017 jew, għall-Istati Membri li ngħaqdu mal-kooperazzjoni msaħħa bis-saħħa ta' deċiżjoni adottata f'konformità mal-Artikolu 331(1) TFUE, wara d-data indikata fid-deċiżjoni kkonċernata.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew għandu jassumi l-kompiti ta' investigazzjoni u ta' prosekuzzjoni mogħtija lilu mir-Regolament (UE) 2017/1939 fl-1 ta' Ġunju 2021.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Mejju 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([10]) Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29).